# FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 7 ta' Frar, 2017**

**Talba Nru: 452/2016PA**

**GO p.l.c.**

**vs**

**Janice Hammett**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-18 ta' Ottubru 2016 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma ta' elf, erba' mija u erbatax-il Ewro, ħamsa u disgħin ċenteżmu (€1,414.95ċ), dovuti għal servizzi provduti lilha fuq żewġ kontijiet, liema servizzi kienu ġew kuntrattati minnha mas-soċjeta' Mobisle Communications Ltd li, b'effett mid-19 ta' Diċembru 2015, ġiet amalgamata fis-soċjeta' attriċi, bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 977/15, u bl-imgħaxijiet legali mill-24 ta' Ġunju 2015, data tal-istess ittra uffiċjali.

Ra d-dokumenti annessi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) rendikont tal-ħlasijiet fil-kontijiet tal-konvenuta (Doki.'A1' u 'A2', fol.2 u 3) minn fejn jirriżulta dovut il-bilanċ mitlub b'din il-kawża; (ii) il-ftehimi ffirmat bejn is-soċjeta' attriċi u l-konvenuta li permezz taghhom din kienet inkarigathom jipprovdulha żewġ servizzi ta' telefonija ċellulari (Doki.'B1' u 'B2', fol.4 u 5); (iii) ċertifikat tal-amalgamazzjoni tas-soċjeta' Mobisle Communications Limited (C24655) mas-soċjeta' attriċi, b'effett mid-19 ta' Diċembru 2015 (Dok.'B3', fol.6); (iv) estratt mir-Reġistru Elettorali li juri l-indirizz

reġistrat tal-konvenuta (Dok.'C', fol.7); u (v) kopja ta' ittra uffiċjali eżekuttiva preżentata fl-24 ta' Ġunju 2016 kontra l-konvenuta (Dok.'D', fol.8), liema ittra baqgħet mhix notifikata lill-konvenuta.

Ra li l-konvenuta dehret fl-udjenza tal-25 ta' Jannar 2017 u ddikjarat li tammetti li għandha tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma mitluba b'din l-azzjoni, wara li t-Tribunal spjegalha d-dritt tagħha li tikkontesta l-kawża.

Ra x-xiehda ta' Maryanne Camilleri, *Credit Control Officer* tas-soċjeta' attriċi, li kkonfermat li l-ammont reklamat b'din l-azzjoni kontra l-konvenuta għadu dovut.

Ra n-nota ta' riduzzjoni preżentata mis-soċjeta attriċi fis-6 ta' Frar 2017 li permezz tagħha irriduċiet it-talba għas-somma ta' elf, tlett mija, erbgħa u sittin Euro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€1,364.95ċ), oltre l-imgħaxijiet u spejjeż, stante pagament fil-mori tal-kawża.

Wara li qies il-provi kollha prodotti mis-soċjeta' attriċi, u l-ammissjoni tal-istess mill-konvenuta, it-Tribunal jinsab moralment konvint li t-talba tas-soċjeta' attriċi, kif ridotta, tinsab suffiċjentement pruvata.

Kwantu għall-imghax, billi l-obbligazzjoni mertu tal-kawża hija waħda ċivili, l-imgħax fuq l-ammont dovut għandu jitqies li beda jgħaddi favur is-soċjeta' attriċi mid-data tas-sejha tagħha lill-konvenuta biex tħallas permezz tal-ittra uffiċjali eżekuttiva tal-24 ta' Ġunju 2015, kif stipulat fl-**art. 1141(2)** tal-**Kodiċi Ċivili**.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi, u jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma ta' elf, tlett mija, erbgħa u sittin Euro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€1,364.95ċ), bl-imgħax legali mill-24 ta' Ġunju 2015 sad-data tal-ħlas effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża u tal-ittra uffiċjali eżekuttiva tal-24 ta’ Ġunju 2015 jibqgħu a karigu tal-konvenuta.

**Avukat, Phyllis Aquilina LL.D.**

**ĠUDIKATUR**